MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2184/2000/1

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-24 ta’ Mejju 1981 fil-kappella ta’ St. Rita f’Gorg, San Giljan, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat ta’ zwieg;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel **“C”** li twieled fl-20 ta’ Mejju 1986;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimejabilment minhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru u minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni *a mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond’ Awla, li qed jigi esebit bhala Dokument “B”;

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma’ zewgha;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri **“C”**, tigi fdata f’ idejn l-attrici, salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet u taht il-modalitajiet stabbiliti appozitament mill-Qorti;

4. Tikkundana lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmi tifel **“C”**, dik ir-retta alimentarja xierqa u adekwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonjiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);**

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia* tad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita’ minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati

tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi *okkorendo* ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jirrapprezenta lil eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatamenti tordna lill-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici;

Bl-ispejjez inkluz dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li l-kawza giet appuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fit-30 ta' Novembru 2000 ghall-14 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal datat 14 ta' Gunju 2001, fejn l-attrici tat ruhha notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u l-kawza giet differita minn din il-Qorti diversament presjeduta ghan-notifika ghall-20 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal ta' l-istess Qorti hekk diversament presjeduta datat 20 ta' Settembru 2001, fejn il-kawza regghat thalliet ghan-notifika.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 14 ta' Dicembru 2001 a fol. 16 tal-process fejn eccipixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi rrelevat li t-talbiet attrici gew enumerati hazin u ghandha ssir id-debita korrezzjoni;

2. Illi hu ma jopponix ghas-separazzjoni personali, *purche'* li din tigi pronunzjata ghal tortijiet tal-attrici nnifisha;

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, il-konvenut ma jsibx oggezzjoni, u dana *stante* li l-attrici ilha zmien twil tghix ghar-rasha;

4. Illi rigward it-tielet talba attrici, il-kura u kustodja tat-tifel minuri **"C"**, ghandha tigi fdata f' idejn il-konvenut ukoll;

5. Illi fir-rigward tar-raba' talba, il-konvenut m' ghandux jigi ordnat ihallas manteniment lill-attrici *stante* li din tahdem u ghandha qliegh sostanzjali. Illi l-konvenut diga' qed hallas il-manteniment ghat-tifel minuri **"C"** li ordnatlu jhallas is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u dan l-ammont hu ferm adegwat;

6. Illi mhux il-kaz li l-Qorti tapplika la interament u lanqas in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili,** izda *stante* c-cirkostanzi jekk xejn, dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici;

7. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici l-konvenut ma jopponix ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u d-divizjoni u l-assenjazzjoni taghha lill-partijiet mid-data illi jitqies li l-attrici nnifsha kienet hatja ghal firda billi kienet hi li telqet mid-dar konjugali bla raguni valida fil-ligi;

8. Illi s-seba' attrici saret inutilment u ghandha tigi respinta *stante* li l-attrici diga' hadet maghha l-beni kollha dotali u parafernali taghha u ghalhekk diga' ghandha l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

9. Illi l-ahhar talba attrici wkoll ghandha tigi respinta *stante* illi d-dar matrimonjali li minnha l-attrici ilha zmien li telqet, hija interament proprjeta' parafernali tal-konvenut;

10. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 17 u fol. 18 tal-process.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta' April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghal din id-decizjoni ghas-26 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 26 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' sittin (60) jum. Il-Qorti nnominat lill-Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Giudizzjarju biex wara tali terminu jiffissa seduti ghall-provi kollha attrici fil-mori tad-differiment.

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Numru 1619/1999 datat 30 ta' Novembru 1999 presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fejn gie decretat rikors ta' l-attrici datat 6 ta' Awissu 1999, u fejn il-Qorti hekk presjeduta ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' f'idejn ir-rikorrenti bi dritt ta' access ghall-missier skond kif jifthmu l-partijiet bejniethom u ordnat lill-missier sabiex ihallas bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta' Lm65 pagabbli kull xahar bil-quddiem u bl-ispejjez kollha konnessi ma' l-edukazzjoni, sahha, trasport u hwejjeg ta' ilbies tal-minuri jithallsu wkoll mill-intimat fl-istess atti, *purche'* li dawn ikunu ragonevoli u korroborati b'ricevuti kollox kif jidher a fol. 5 sa 8 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (1) datat 8 ta' Awissu 2002, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha taghtiha terminu twal sabiex tipprezenta u tikkonkludi sa' fejn huwa possibbli x-xhieda taghha b' affidavit.

Rat id-digriet datat 9 ta' Awissu 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba w estendiet it-terminu sal-15 ta' Settembru 2002.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-27 ta' Settembru 2002 fejn xehdu **Carmen Camilleri** u **Analise Camilleri**, fis-17 ta' Ottubru 2002 fejn xehdu **Paul Gambina**, **Ronald Micallef** u **Brian Farrugia**, fit-30 ta' Ottubru 2002 fejn xehed **Paul**

**Gambina** u fl-14 ta’ Novembru 2002 fejn xehdu **Brian Farrugia** u **Esther Bugeja.**

Rat id-dokumenti esebiti bhala Dok. “H 1” sa Dok. “H12” esebiti fis-seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia ta’ l-14 ta’ Novembru 2002 a fol. 47 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici **“A”** datata 16 ta’ Settembru 2002 a fol. 48 tal-process fejn l-istess attrici esebiet l-affidavit taghha u ta’ ommha **“D”**.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Jannar 2003, fejn il-kawza giet differita.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-9 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rikors (1) ta’ Dr. Veronica Galea Debono datat 24 ta’ Jannar 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra, liema data jekk hu possibbli ma tkunx bejn is-17 ta’ Frar 2003 u l-21 ta’ Frar 2003.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Jannar 2003, fejn Dr. Agius talbet li jigu ffissati l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha attrici li kien fadal. Il-Qorti laqghet it-talba u ffissat seduta ghall-25 ta' Marzu 2003 fil-11.00.a.m. u seduta ohra kellha tigi ffissata mill-Assistent Gudizzjarju fix-xahar ta' April, wara liema seduta l-provi attrici gew dikjarati maghluqa. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' 50 jum li kellhom jibdew mill-ahhar ta' April 2003. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex wara tali terminu t'affidavits tal-konvenut jiffissa tlett seduti ghall-provi kollha tal-konvenut.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-25 ta’ Marzu 2003, fejn xehdu **Esther Bugeja** u **Paul Falzon** u fil-11 ta’ Gunju 2003.

Rat l-affidavit ta' **"E"**li jigi hu l-konvenut a fol. 75 tal-process.

Rat l-affidavit ta' **"F"** li hija habiba antika tal-konvenut a fol. 76 tal-process.

Rat l-affidavit ta' **"G"** li hija l-mara ta' hu l-konvenut a fol. 77 u fol. 78 tal-process.

Rat l-affidavit ta' **Sandro Zammit** a fol. 79 tal-process.

Rat l-affidavit ta' **"H"** li tigi oht il-konvenut minn fol. 80 sa fol. 82 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn xehdet **"A"** in kontro-ezami u fil-11 ta' Novembru 2003 fejn kompliet tixhed **"A"** in kontro-ezami.

Rat ir-rikors (2) ta' l-attrici datat 21 ta' Ottubru 2003, a fol. 96, fejn qalet bir-rispett li kien hemm bzonn bdil fir-raba' talba u dan li apparti l-obbligi ta' manteniment din il-Qorti kellha tordna lill-konvenut jikkontribwixxi ghall-ispejjez edukattivi tal-minuri **"C"** sa' l-livell terzjarju u cioe' sat-tmiem iz-zmien l-Universita' u dan *ai termini* tal-**artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat id-digriet datat 23 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex b'nota tiddikjara jekk kinitx ghalqet il-provi u dan kellu jsir fi zmien erbat ijiem u l-Qorti ordnat ukoll in-notifikat lill-kontro-parti b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 30 ta' Ottubru 2003.

Rat id-digriet datat 2 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba u dan sakemm il-minuri jibqa' tali.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 26 ta' Novembru 2003, fejn bir-rispett talab lil din il-Qorti biex tawtorizza li jsiru seduti ohrajn sabiex jitkompla l-gbir tal-provi tal-konvenut, u dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba, b’ dan li s-seduti kellhom jigu ffissati sa’ l-ahhar ta’ Jannar 2004 u kellhom ikunu ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha ta’ dakinhar stess. Il-Qorti estendiet it-terminu ghax-xhieda tal-konvenut sa l-ahhar ta' Frar 2004 u zewg seduti ghall-attrici li kellhom isiru f'Marzu 2004.

Rat in-nota tal-konvenut **“B”** datata ta’ Dicembru 2005, a fol. 108, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat l-affidavit ta’ omm il-konvenut **“I”** a fol. 143 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-15 ta’ Jannar 2004 fejn xehed il-konvenut **“B”**, fit-23 ta’ Frar 2004 fejn xehdet **“I” in kontro-ezami,** fil-11 ta’ Marzu 2004 fejn xehed il-konvenut **“B” in kontro-ezami,** fis-17 ta’ Marzu 2004 u fis-16 ta’ April 2004.

Rat il-verbal datat 21 ta’ April 2004 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku lil Valerio Schembri biex jaghmel stima taz-zewg garages ndikati a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-26 ta’ Mejju 2004

Rat il-verbal datat 15 ta’ Gunju 2004 fejn Dr Veronica Galea Debono ghall-konvenut nfurmat lill-Qorti li l-provi maghluqa. Il-partijiet qablu li r-rapport tekniku jinhalef fir-registru imbasta jigu nfurmati d-difensuri. Il-Qorti tat lill-partijiet l-fakolta' li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Marzu 2005.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Marzu 2005 fejn l-partijiet infurmaw lill-Qorti li r-rapport tekniku thallas. Il-Qorti rrilevat li r-rapport tal-Perit Tekniku kien ghadu ma nhalifx minkejja l-fatt li l-Perit Tekniku gie awtorizzat jahilfu fir-Registru. Il-Qorti ordnat lil Perit Tekniku jiehu hsieb dan fi zmien sebat ijiem u ordnat notifika ta' dan id-digriet (mhux bil-fax) lill-istess Perit Tekniku. Id-difensuri kellhom jikkomunikaw mal-Perit Tekniku. Il-Qorti ordnat, bil-kunsens tad-difensuri, li r-rapport jidhol fil-process. Id-difensuri talbu li jipprezentaw noti t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 50 gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 50 gurnata biex jirrispondi.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri minn fol. 218 sa fol. 228 datat 10 ta’ Gunju 2004 u mahluf fir-registru fis-17 ta’ Marzu 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet ta’ l-attrici, datata 28 ta’ April 2005, minn fol. 229 sa fol. 239 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut datata 11 ta’ Ottubru 2005, minn fol. 241 sa fol. 249.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet izda jigi rilevat li z-zwieg bejn il-partijiet fil-kawza odjerna diga’ gie dikjarat null permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta fid-9 ta’ April 2003 fil-kawza fl-ismijiet **““A” vs “B””** (P.A. (RCP) (Cit. Nru:1081/2001/RCP). Hawn issir referenza ghall-istess sentenza.

Illi minkejja dan l-istat ta' fatt fejn illum l-istess zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null xorta wahda jidher li l-partijiet komplew anke san-nota ta' osservazzjonijiet jindikaw allegazzjoni taghhom dwar il-kawza ta' firda personali u dan meta llum il-gurnata huwa fatt legali li l-istess zwieg huwa null b'sentenza ta' din il-Qorti li ghaddiet in gudikat.

Illi fil-fatt l-attrici tallega li l-konvenut kien bniedem xhih, tant li hi kellha tahdem fil-maggior parti taz-zwieg taghhom. Hija ddeskriviet lill-konvenut bhala bniedem bi lsien velenuz, tant li kien kontinwament jghajjar mhux biss lilha imma wkoll lil binhom. Hija kompliet li hi kienet tigi trattata bhala ghamara u ma kienet issib l-ebda rispett minghand zewgha. *Inoltre'* l-attrici allegat ukoll li kellha suspetti li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara li kienet tahdem mieghu.

Illi min-naha tieghu l-konvenut xehed li l-attrici kienet mara gellieda, aggressiva u supperva. Kienet tqajjem l-inkwiet ghal xejn b'xejn. Kienet decizjoni unilaterali taghha li titlaq mid-dar. *Inoltre'* huwa wkoll allega li l-attrici kellha relazzjonijiet extra-**"A"**li.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti u l-allegazzjoni li saru mill-attrici u mill-konvenut u wkoll is-sentenza fuq citata thoss li fil-konvivenza ta' bejniethom il-partijiet urew li kellhom karattri nkompatibbli biex jghixu flimkien u wkoll kienu responsabbli ghall-eccessi u mohqrija fil-konfront tal-parti l-ohra. L-allegazzjonijiet li ghamlu fil-konfront ta' xulxin ta' adulterju ma gewx sostanzjati. L-attrici tirreferi biss li hija kellha suspetti. Il-konvenut ibbaza fuq ix-xhud **"F"** li stenniet diversi snin sakemm tiltaqa' mieghu biex tghidlu.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri tifel minn dan iz-zwieg li fil-mori tal-kawza sar maggiorenni u b'hekk it-tielet talba attrici giet sorvolata.

Illi l-attrici fir-raba' talba taghha talbet manteniment ghaliha u ghal binhom. Peress li iben il-partijiet huwa llum maggoreni u kull parti ghandha l-introjtu taghha u fi

kwalunkwe kaz iz-zwieg huwa llum annullat din it-talba llum lanqas hemm lokha.

Illi rigward id-dar matrimonjali hemm kwistjoni jekk din tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le. Dan fis-sens li hemm kuntratt f'isem il-konvenut datat 26 ta' Mejju 1978 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis. Il-partijiet dak iz-zmien ma kienux mizzewgin. Il-konvenut isostni li din hija parafernali ghalih. Infatti huwa xehed li martu ma kkontribwietx ghax-xiri ta' l-art (a fol.112 tal-process). Il-konvenut xehed li l-flus biex tinxtara l-art kien issellifhom minghand ommu. Fuq dan hemm qbil. Infatti l-attrici fl-affidavit taghha sostniet li meta nxtrat id-dar omm il-konvenut kienet sellfitu l-flus. Hija xtaqet issellifflu l-flus hija izda peress li l-flus kienu go *fixed account* huwa ma riedhiex tohroghom ghax kienet titlef l-imghax (a fol.51 tal-process).

Illi l-konvenut xehed li qabel ma zzewgu kien hallas kollox huwa (*vide* Dok. "EM 7" u "EM 8" – a fol.122 –125 tal-process). *Inoltre'* wara z-zwieg ha self ta' 'l fuq minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000) mill-Bank sabiex ilesti d-dar. Dan is-self hallsu dejjem wahdu.

Illi fuq dan pero' hemm kontestazzjoni min-naha ta' l-attrici. Infatti hija xehdet (a fol.51 tal-process) li tul l-gherusija harget hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u aktar sabiex jinbena l-post. Hija qalet li harget tlett elef u tlett mitt lira Maltin (Lm3,300) mill-Bank. *Inoltre'* qalet li hija kienet tghaddilu l-paga kollha taghha u kien jamministra kollox hu. Dan xehditu wkoll **"D"**, omm l-attrici. Tul iz-zwieg hija baqghet tahdem u qalet li l-paga kienet tghaddihielu kollha biex jitlesta l-post. Hija xehdet li meta zzewgu kien fadal biss li jsiru zewg sulari balavostri, irham tat-tarag, kcina u bibien ta' gewwa. Fuq dan ta' l-ahhar biss hemm qbil. Infatti l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li *semmai* l-attrici ghandha kreditu biss fuq dan ix-xoghol li sar fiz-zwieg. Dwar il-flus mislufa minn omm il-konvenut l-attrici sostniet li dawn thallsu meta zzewgu pero' il-karta qieghda ghandu.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha prodotti, thoss li dak li gie allegat mill-attrici attwalment ma giex ippruvat fil-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attrici naqset li tipprova dak li gie allegat minnha u ghalhekk il-versjoni attrici fil-kuntest ta' dak hawn attwalment trattat mhux qed tigi accettata. Fil-fatt jinghad li ghalkemm l-attrici qed issostni li hija harget il-flus sabiex jinbena dan il-post kemm qabel iz-zwieg kif ukoll matul iz-zwieg, din il-Qorti thoss li dan ma' gie bl-ebda mod sostanzjat minnha bi provi . Fil-fatt jista' jinghad li ma' hemm l-ebda dokument li jikkorobora dak allegat mill-attrici, nkluzi l-ebda skrittura privata jew almenu xi ricevuta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li dik li kienet id-dar matrimonjali effettivament hija parafernali ghall-konvenut. Il-konvenut innifsu pprezenta dokumenti li juru li l-art giet akkwistata mill-konvenut permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPius fis-26 ta' Mejju 1978 (Dok. "EM 6") u wkoll jidher li l-istess dar inbniet minn flus mahruga mill-konvenut kif jidher mid-Dok. "EM 7" u Dok. "EM 8") li juru li l-ispejjez ghall-bini kienu thallsu minnu.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li gie effettivament ippruvat li l-maggiorparti tal-ispejjez saru qabel iz-zwieg hlief ghal zewg pagamenti li saru fit-13 ta' Lulju 1981 fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u fis-16 ta' Settembru fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm343) u ghalhekk *se mai* l-attrici ghandha biss dritt li tigi rifuza nofs dawn l-ammonti cioe' l-ammont ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 421.50).

Illi minbarra dan jidher li huwa pacifiku li sar ukoll xi xoghol u nxtraw oggetti li thallsu wara l-data ta' dak li kien z-zwieg bejn il-partijiet. L-attrici pprezentat nota (Dok. "XY" a fol 188 tal-process) fejn sostniet li saru zewg sulari balavostri, irham tat-tarag, kcina u l-bibien ta' gewwa. Hija stmat dan ix-xoghol fl-ammont ta' tlett elef u hamest elef lira Maltin (Lm3,500). B'hekk hija ghandha kreditu ta' elf seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1,750) fil-konfront tal-konvenut.

Illi hemm pero' zewg garaxxijiet li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-garaxx Nru 2, St Paul's Street, San Gwann inxtara permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Dicembru 1992 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella f'isem il-konvenut.

Huwa kien ukoll ha *loan* fl-ammont ta' tlett elef hames mija u hamsin lira Maltin (Lm3,550) ghax-xiri ta' dan il-garaxx. Skond l-istima tal-Perit Valerio Schembri, il-Perit Tekniku imqabbad minn din il-Qorti bid-digriet tal-21 ta' April 2004, dan il-garaxx huwa stmat li jiswa' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) (a fol.223 tal-process). Il-konvenut isostni li l-*loan* hallsu dejjem huwa u l-attrici kkoroborat tali asserzjoni fil-kontro-ezami taghha (a fol.92 tal-process). Illi ghalkemm dan il-garaxx inxtara f'isem il-konvenut xorta wahda jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti *stante* li nxtara fiz-zwieg. Dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni.

Illi l-partijiet xtraw ukoll garaxx iehor fi Triq il-Qasab, San Gwann (Nru 110) permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Dicembru 1996 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel. Skond l-istima tal-Perit Valerio Schembri dan il-garaxx gie stmat ghaxar t'elef lira Maltin (Lm10,000).

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu spjega li hu jaghmel uzu hafna minn dawn il-garaxxijiet ghall-passatemp tieghu. *Inoltre'* jixtieq li xi darba jkun f'posizzjoni li jghaddihom lil ibnu bhala investiment. Huwa jixtieq li dawn il-garaxxijiet ma jinbieghux lil terzi izda li hu jixtri sehem l-attrici. Illi *inoltre'* huwa qed jippretendi li ghandu jkun hemm tpacija ma' garaxx minnhom mal-*business* tal-attrici li nbniet waqt iz-zwieg u ghalhekk, skond hu, ghandha tigi kkunsidrata bhala assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi hemm il-kwistjoni wkoll tal-*business* tal-attrici. Hija ghandha *salon* is-Swieqi. Dan kien garaxx u qed tikrih mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar. Ghandha wkoll skola tal-*beauty therapy* jisimha “Beauty Habits” u l-iskola tinsab fl-istess indirizz. Hija m'ghandha lil hadd impjegat maghha u qatt ma kellha. Bdiet tghallem waqt li

kienu ghadhom mizzewgin. Hija qalet li ghandha hafna pagamenti u trid thallas il-kirjiet. Bl-iskola hija jkollha bizzejjed biex tkun tista' tghix. Hija xehdet li ghandha numru tal-VAT u timla wkoll *income tax returns.*

Illi l-konvenut isostni li martu mill-*business* taqla' izjed minn ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) fis-sena. Huwa xehed li sabiex studjat u ghamlet il-korsijiet w anki sabiex fethet is-*salon* huwa kkontribwixxa hafna u qatt ma ra xejn mill-qliegh taghha. Huwa xehed li meta dahlet fil-hanut f'tas-Sliema dan kellu bzonn investiment ta' xi sebat elef lira Maltin (Lm7,000) biex tirrangah. Minn dan l-ammont huwa jsostni li hallas sitt mitt lira Maltin (Lm600) biex jitbiddlu t-*tiles* u elf lira Maltin (Lm1,000) sabiex xtrat xi *equipment.* Huwa esebixxa kopja tad-djarju ta' martu (Dok. "EM 4" a fol.118 tal-process) fejn kienet izzomm rendikont tal-qliegh taghha fis-sena 1989. Dak iz-zmien kienet ghadha kif bdiet topera u dahlet kwazi tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Meta bdiet tmur tajjeb u x-xoghol beda jizdied il-qliegh taghha kien ta' madwar disat elef lira Maltin (Lm9,000) fis-sena mix-xoghol tas-*salon.* Dan jafu ghax kienu jitkellmu bejniethom. Rigward l-iskola, martu kienet u ghadha taghti l-korsijiet. Hawnhekk *si tratta* wkoll ta' dhul ta' eluf ta' liri. Huwa jsostni li tant kellha xoghol bhala *beautician* li kellha wkoll impjegati maghha.

Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha sostniet li hija dejjem hadmet bil-galbu u stinkat tul hajjitha sabiex tghin lill-familja tant li r-ragel. Hija kompliet li m'ghandha l-ebda mpjegati u aktar tghallem milli tahdem xoghol ta' *beautician.* Negozju m'ghandhiex jew xi kumpanija. Mill-introjtu thallas il-kera tal-post fejn tghallem u d-dar fejn tirrisjedi, l-*equipment* ghat-taghlim, tmantni lil binha wkoll u tghix ukoll u trid thallas il-kontijiet minnhom. Hija ssostni li l-konvenut m'ghandux jippretendi l-ebda sehem mill-introjtu tal-attrici ladarba hi m'ghandhiex negozju jew *business.*

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sostna li huwa rnexxilu jindika li l-qliegh ta' l-attrici hu mill-anqas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) fis-sena. Huwa ghandu kreditu ta' mill-anqas elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) fi

flus li nefaq sabiex jaghmlilha xi xogholijiet fis-*salon.* Huwa ssottometta wkoll li ghandha ssir tpacija fis-sens li hu ma jippretendi l-ebda sehem fil-*business* li beda waqt iz-zwieg, izda ghal dan l-attrici ma jkollha l-ebda pretensjoni fuq almenu wiehed mill-garaxxijiet li nxata waqt iz-zwieg.

Illi dwar dan il-punt jinghad li mill-provi prodotti l-attrici irnexxielha tipprova li kienet hija li kkontrobwiet ghas-sengha taghha u dan huwa sors ta' introjtu taghha u ghalhekk jappartjeni lilha u ghandu jigi kkonisdrat bhala taghha. Hawn jinghad li ghalkemm il-konvenut isostni li huwa ghamel xi spejjez sabiex l-attrici tibda dan ix-xoghol, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li fil-fatt l-istess konvenut ma gabx prova dwar dan. Illi l-attrici ghandha dritt eskussiv ghall-introjtu taghha mix-xoghol taghha bhala *beautician*, kif il-konvenut ghandu dritt esklussiv ghall-introjtu kollu tieghu mix-xoghol tieghu. B'hekk l-konvenut ma' ghandu l-ebda dritt ta' xejn fuq s-sengha li stabilit l-attrici bix-xoghol taghha.

Illi dwar l-immobbli l-ohra fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li kemm l-garaxx Nru 2, St Paul's Street, San Gwann u l-garaxx l-iehor li jinsab f'numru 110 fi Triq il-Qasab, San Gwann kif l-istess immobbli gew stmati mill-perit tekniku Valerio Schembri fir-rapport tieghu, dawn ghandhom jinbieghu b'subasta u r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-attrici semmiet li kienu nxtraw fiz-zwieg ukoll pjanu, television 26 inch, *record player, video camera* u *portable tv.* Filwaqt li l-pjanu u t-televisjoni *"26 inch"* qed jigu assenjati lill-konvenut, l-attrici qed tigi assenjata r-*record player, il-video camera* u l-*portable tv.*

Illi *inoltre'* l-attrici ghandha wkoll tinghata l-*kenwood food mixer,* xi borom u xi lozor li hadithom fiz-zwieg maghha bhala beni parafernali taghha.

Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha qed issostni li hemm diversi mobbli ohra fid-dar li xtrathom ommha fosthom il-bieb tal-garaxx, forn tal-kcina *primus (parafin*

*stir), main bedroom,* purtieri tad-dar u twapet kollha. Ukoll mejda tas-sitt piedi u mejda ta' erba' piedi tal-injam. *Inoltre'* sostniet li ghad hemm numru kbir ta' kristall fid-dar matrimonjali, li kienu fil-maggiorparti rigali tat-tifel. Hemm *coffee maker* u *pottery dish,* tlett *armchairs* u sufan li kienet tatha ommha. Il-konvenut min-naha tieghu jichad li dawn l-imsemmija affarijiet inxtraw minn omm l-attrici u jsostni li dawn l-affarijiet ghandhom jinqasmu bejniethom.

Illi anki hawnhekk jinghad li l-attrici ma gabet l-ebda prova konvincenti ta' l-allegazzjoni taghha taghha. Konsegwentement, din il-Qorti tghaddi biex tassenja l-oggetti msemmija *arbitro boni viri* bil-mod kif gej : l-attrici qed tigi assenjata *record player, il-video camera* u l-*portable tv* (kif gja fuq imsemmija) zewg sodod fil-kamra tas-sodda tat-tifel, mejda tas-sitt piedi , *coffee maker* u *pottery dish,* tlett *armchairs* u sufan, kristall li inghata bhala rigal mit-tifel, nofs it-twapet tad-dar. Il-konvenut qed jigi assenjat il-forn tal-kcina *primus (parafin stir), main bedroom, living room,* purtieri tad-dar, nofs it-twapet u mejda ta' erba' piedi tal-injam u dan minbarra l-pjanu u t-televisjoni *"26 inch"* fuq imsemmija.

Illi bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti hemm ukoll zewg karozzi cioe' l-vettura Mazda 323 li tinsab fil-pussess tal-konvenut u Peugeot 306 li tinsab fil-pussess tal-attrici. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm ukoll karozza ohra li tifforma parti mill-komunjoni cioe' Isuzu Big Horn 4-wheel drive. Din il-karozza giet trasferita mill-konvenut lil Leonard Falzon ghas-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) (Dok. "EE" a fol.191 tal-process) fil-15 ta' Dicembru 2000. Dan it-trasferiment sar minghajr il-kunsens tal-mara *nonostante* li l-karozza tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Hija pero' m'ghamlet l-ebda proceduri biex tattakka tali trasferiment. Kwindi hija ghandha d-dritt li tigi rifuza nofs l-ammont li nbieghet cioe' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375). Il-bqija kull parti ghandha zzomm il-karozza li qieghda fil-pussess tieghu jew taghha.

Illi ghalhekk *in vista* ta' dak kollu li inghad l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fi flus kontanti l-ammont ta'

Lm2,546.50 (Lm421(spejjez tad-dar); + Lm1,750 (valur ta' xogholijietli saru fid-dar) ; + Lm375 (hawn appena msemmija) = Lm2,546.50).

Illi ghar-rigward tal-kontijiet bankarji rrizulta li hemm zewg *loan accounts* f'isem il-konvenut li qed jithallsu minnu. Dawn igibu n-numru ta' 033035114300 u 033035114301 u huma kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc. Dawn il-kontijiet qed jigu assenjati lill-konvenut. Hemm imbaghad zewg kontijiet ohra li huma intestati f'isem iben il-kontendenti **"C"**. Dawn huma l-kont Savings Numru 304450355 (Dok. "RM1/ JJ4") u l-kont *fixed deposit* Numru 307120356 (Dok. "RM2/JJ6"). Minhabba li **"C"** sar maggiorenni dawn iz-zewg kontijiet ghandhom jigu assenjati f'isem l-istess iben.

Illi l-bqija tal-kontijiet bankarji kull parti qed tigi assenjata kwalunkwe kont bankarju li hemm fuq isimha jew ismu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, u filwaqt li tichad ir-raba', l-hames u t-tmien talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi**:-

(i) Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet illum gie ddikjarat null b'sentenza ta' din il-Qorti u f'dan is-sens tiddikjara li ma hemmx lok li tigi ddikjarata firda personali bejn il-partijiet, ghalkemm jinghad li mill-provi jirrizulta li z-zewg partijiet kienu hatja lejn xulxin ta' eccessi u mohqrija w wkoll kellhom karattru inkompatibbli ghal xulxin;

(ii) Tilqa' t-tieni talba attrici biss fis-sens billi fid-dawl ta' dak li nghad ma hemm l-ebda dubju li kull parti ghandha d-dritt tghix ghal rasha anke ghaliex iz-zwieg bejn l-istess partijiet gie annullat bis-sentenza fuq citata;

(iii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici *stante* li iben il-kontendenti sar maggiorenni;

(iv) Tichad ir-raba' talba attrici peress li z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null u fic-cirkostanzi l-ebda parti ma ghandha ebda dritt ta' manteniment u dan anke minhabba r-ragunijiet fuq premessi;

(v) Tichad il-hames talba attrici *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz odjern anke minhabba r-ragunijiet premessi;

(vi) Tilqa' s-sitt talba attrici billi tikkonferma dak kollu li inghad iktar il-fuq f'din d-decizjoni u b'dan ghalhekk li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti talvolta ezistenti bejn il-partijiet b'dan li ghar-ragunijiet premessi u *arbitro boni viri* tiddeciedi li kull proprjeta` li l-istess kontendenti kellhom bejniethom ghandha tigi maqsuma u diviza b'dan il-mod fuq spjegat u bil-mod segwenti u cjoe`:-

Illi l-garaxx numru 2, St Paul's Street, San Gwann u l-garaxx l-iehor li jinsab f'numru 110 fi Triq il-Qasab, San Gwann kif stmati u deskritti mill-perit tekniku Valerio Schembri fir-rapport tieghu, ghandhom jinbieghu b'subbasta u r-rikavat mill-istess bejgh jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi anke minhabba r-ragunijiet fuq indikati din il-Qorti tordna billi tassenja lill-attrici *record player,* il-*video camera* u l-*portable television,* zewg sodod fil-kamra tas-sodda tat-tifel, mejda tas-sitt piedi, *coffee maker* u *pottery dish,* tlett *armchairs* u sufan, kristall li inghata bhala rigal mit-tifel, nofs it-twapet tad-dar kollox kif fuq indikat. Il-Qorti tordna wkoll li l-konvenut jigi assenjat il-forn tal-kcina *primus (parafin stir), main bedroom, living room,* purtieri tad-dar, nofs it-twapet u mejda ta' erba' piedi tal-injam u dan minbarra l-pjanu u t-televisjoni *"26 inch"* kif fuq indikat ukoll.

Illi kull parti ghandha zzomm il-karozza li qieghda fil-pussess tieghu jew taghha kif fuq spjegat.

Illi ghar-rigward tal-kontijiet bankarji l-*loan accounts* f'isem il-konvenut li jgibu n-numru ta' 033035114300 u 033035114301 u li huma kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc qed jigu assenjati lill-konvenut. Hemm imbaghad zewg kontijiet ohra li huma intestati f'isem iben il-kontendenti **"C"**. Dawn huma l-kont Savings Numru 304450355 (Dok. "RM1/ JJ4") u l-kont *fixed deposit* Numru 307120356 (Dok. "RM2/JJ6"). Minhabba li **"C"** sar maggiorenni dawn iz-zewg kontijiet qed jigu assenjati lil imsemmi **"C"** u l-partijiet ghandhom jaghmlu dak kollu necessarju sabiex dak hawn ordnat isehh.

Illi l-bqija tal-kontijiet bankarji kull parti qed tigi assenjata kwalunkwe kont bankarju li hemm fuq isimha jew ismu.

Illi fl-ahharnett ghar-ragunijiet fuq premessi il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn hames mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,546.50) u dan kollox skond l-ammonti u ghar-ragunijiet fuq indikati;

(vii) Tilqa' s-seba' talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici ukoll l-beni parafernali taghha senjatament il-*kenwood food mixer,* xi borom u xi lozor li hadithom fiz-zwieg maghha;

(viii) Tichad it-tmien talba attrici billi d-dar 4, "Kenn", Indri Calleja Street, San Gwann hija proprjeta` parafernali tal-konvenut;

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------